MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## VERONICA GALEA DEBONO

Seduta ta' l-10 ta' Lulju, 2007

Talba Numru. 217/2006

**Talba Nru: 217/06VGD**

Biosphere Limited (C16003)

Vs

Tzeitel Import Company Limited (C4187)

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet il-hlas tas-somma ta' seba mija u seba u tletin lira Maltin u tlieta u sebghin centezmu (Lm737.73c) rapprezentanti somma dovuta mis-socjeta' konvenuta fuq bejgh ta' prodotti u dan kwantu ghal Lm169.56c bhala bilanc minn somma akbar fuq fattura datata 18 ta' Mejju 2001, u kwantu ghal LM11.01c skond fattura datata 2 ta'

Gunju 2001, u kwantu ghal LM47.52c skond fattura datata 14 ta' Gunju 2001, u kwantu ghal LM290.64c skond fattura datata 15 ta' Gunju 2001, u kwantu LM194.13c skond fattura datata 6 ta' Lulju 2001, u kwantu ghal Lm24.87c skond fattura datata 17 ta' Awissu 2001. Bl-ispejjes tal-prezenti u tal-ittra interpellatorja datata 6 ta' Marzu 2006 u bl-imghaxijiet mid-dati tal-hrug tal-fatturi sad-data tal-pagament effettiv, lkoll kontra s-socjeta' konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm is-socjeta' konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deheret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li s-socjeta konvenut naqset li tidher sabiex tirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas is-somma ta' seba mija u seba u tletin lira Maltin u tlieta u sebghin centezmu (Lm737.73c), bl-imghax kif mitlub fl-Avviz. L-ispejjez kif mitluba fl-Avviz ghandhom jigu ssopportati mis-socjeta' konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------